DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200170** **03.02.2020**

**STQARRIJA MILL-MINISTERU FL-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU**

***Il-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili bir-rwol importanti fid-diskussjonijiet dwar deċiżjonijiet fl-oqsma ekonomiċi, soċjali, u ambjentali tal-pajjiż – Ministru Carmelo Abela***

"Dan il-gvern jagħraf l-importanza li l-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili għandhom fit-tmexxija tal-pajjiż. Se nkun qed nara kif intom tkomplu tkunu fil-qalba ta'deċiżjonijiet li se nieħdu fl-oqsma ekonomiċi, soċjali, u ambjenatli". Dan kien il-messaġġ li għadda l-Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru Carmelo Abela responsabbli mid-djalogu soċjali fl-ewwel indirizz tiegħu lill-imsieħba soċjali. L-imsieħba soċjali iltaqgħu f'laqgħa konġunta tal-Core Group tal-MEUSAC u l-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali sabiex jiddiskutu it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-prijoritajiet tal-Kummissjoni Ewropea fis-semestru ekonomiku li jmiss.

Il-Ministru Abela saħaq li l-fatt li d-djalogu soċjali qed jaqa' direttament taħt Ministeru li jinsab fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru juri ferm iżjed kemm il-gvern huwa impenjat biex jagħti widen u prijorità lill-proposti u l-miżuri soċjoekonomiċi li jitressqu mill-imsieħba soċjali. Hu qal kif b'dan il-għan se jara li l-MCESD u l-MEUSAC ikollhom l-għodda u r-riżorsi meħtieġa sabiex itejbu l-effettività tal-operat tagħhom.

Waqt l-indirizz tiegħu huwa tkellem fuq ir-rivoluzzjoni industrijali 4.0. li se tkompli ġġib fuq quddiem nett iċ-ċentralità tat-teknoloġija f'ħajjitna. "Irridu naħdmu flimkien biex inkomplu nifhmu l-impatt li din it-teknoloġija jista' jkollha fuq il-ħaddiema, in-negozji, u l-ekonomija inġenerali. Għandna r-responsabilità li nifhmu kif it-teknoloġija avvanzata bħal, ngħidu aħna, l-intelliġenza artifiċjali, se tkun tista' tagħmel dan", qal il-Ministru Abela. Hu qal ukoll li hemm suġġetti oħra li se jkunu ta' prijorità fil-qasam tad-djalogu soċjali. Dawn jinkludu il-paga ndaqs għal xogħol tal-istess valur u l-iżvilupp sostenibbli f'kull qasam.

Fejn jidħol is-suġġett tas-Semestru Ewropew huwa qal li dan jipprovdi bażi u qafas għall-kordinazzjoni tal-politika ekonomika fl-Unjoni Ewropea kollha. Dan hekk kif il-proċess jippermetti lill-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea sabiex jiddiskutu l-pjanijiet ekonomiċi u l-baġits tagħhom, kif ukoll li jissorveljaw dan il-progress matul is-sena.

F'dan ir-rigward huwa nnota kif jinsab infurmat lis-sħab soċjali talbu għal *working group* tal-MCESD sabiex jiġu kkonsultati aktar fil-proċess li jwassal għal Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż, u jixtiequ li jwasslu l-kontribut tagħhom f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, sabiex jagħti lok għal iżjed kollaborazzjoni, ġiet mistiedna rappreżentanta mill-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, Alexia Zammit, sabiex jiġi diskuss is-Semestru Ewropew u kif ukoll tisma' u twieġeb mistoqsijiet.


3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

Fir-rigward ta' Brexit, hekk kif issa ir-Renju Unit huwa uffiċjalment mhux iżjed Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, qal li jifhem li ħafna huma mħassba dwar kif dan it-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea se jolqot liċ-ċittadini u lin-negozji, hekk kif ir-relazzjoni bejn Malta u r-Renju Unit kienet waħda qrib. B'dan il-għan, Glenn Micallef, li hu l-Kap tad-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea, għamel preżentazzjoni lill-imsieħba soċjali fuq it-triq 'il quddiem u x'wieħed jista' jistenna, issa li l-Brexit seħħ.

Iċ-Chairman tal-MCESD John Bencini fetaħ il-laqgħa billi feraħ lill-Ministru Carmelo Abela għall-irwol il-ġdid tiegħu bħala l-Ministru responsabbli mid-Djalogu Soċjali, l-Iżvilupp Sostenibbli u l-Manifest Elettorali. Kompla billi aċċenna fuq l-importanza tas-suġġetti bħal "equal pay for equal work", u l-"gender pay gap", li se jingħataw prijorità matul din is-sena fid-diskussonijiet tal-MCESD. Għalaq billi rringrazzja lill-Ministri Aaron Farrugia kif ukoll Edward Zammit Lewis tal-irwol tagħhom fl-aħħar snin sabiex id-Djalogu Soċjali jkompli jissaħħaħ.

Il-Head tal-MEUSAC Mandy Falzon saħqet fuq l-importanza tas-Semestru Ewropew, b'mod speċjali fejn jidħol it-tkabbir ekonomiku sostenibbli, kif ukoll reżiljenti. Kompliet billi rrimarkat u saħqet fuq l-importanza tal-irwol li l-imsieħba soċjali għandhom x'jaqdu fil-proċess tas-Semestru Ewropew.